MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 2225/2000/1

**Jason Mizzi u b'nota tal-5 ta' Settembru 2006, l-Avukat Dottor Henry Antoncich LL.D. assuma l-atti tal-kawza minflok l-assenti Jason Mizzi**

**v.**

**Nikolai Borg Olivier, Oliver Giordano u Anthony Mangion**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Oliver Giordano tat-8 ta' Frar 2008, li permezz tieghu l-imsemmi Oliver Giordano talab li din il-

Qorti tammettih ghall-beneficcju tal-garanzija bil-gurament;

Rat li l-appell gie intavolat mit-tlett konvenuti flimkien, u li, meta gie pprezentat dana l-appell, huma taw indirizz wiehed bhala l-indirizz taghhom;

Rat li l-avviz tas-smigh u l-avviz ghall-hlas tal-kawtela gie notifikat f'dan l-indirizz wiehed u f'idejn Joyce Giordano, u dan minkejja dak li jipprovdi l-Art. 186 tal-Kap. 12; fi kliem iehor kien hemm notifika ta' persuna wahda biss;

Tosserva li l-hlas tal-kawtela hu obbligu solidali bejn l-appellanti li ghazlu li jaghmlu appell wiehed;

Semghet lir-rikorrent Oliver Giordano bil-gurament dwar il-mezzi tieghu;

Fic-cirkostanzi tal-kaz din il-Qorti qed tipprefiggi terminu ta' xahar mil-lum biex fih l-appellant Oliver Giordano jiehu hsieb li jinnotifika lill-ko-appellanti l-ohra, cioe` lil Nikolai Borg Olivier u lil Antoine Mangion, bl-avviz tas-smigh u bl-avviz ghall-hlas tal-kawtela, u fin-nuqqas li jsir dan fiz-zmien prefiss, l-appell jigi differit sine die.

L-appell qieghed ghalhekk jigi differit ghal nhar it-Tlieta, l-1 ta' April 2008 f'nofsinhar. Tibqa' impregudikata t-talba ta' Oliver Giordano biex huwa jigi ammess ghall-beneficcju tal-garanzija bil-gurament.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------